

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > Għajnuna Legali > Belgium

Għajnuna legali

 Belġju

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Il-proċedimenti legali xi spejjeż jinvolve, u normalment min irid iħallashom?

L-“ispejjeż” fil-lingwaġġ legali jkopru bosta entrati previsti fl-Artikolu 1018 tal-Kodiċi Ġudizzjarju (*code judiciaire / gerechtelijk wetboek*).

L-ispejjeż jinkludu:

1. tariffi mixxellanji tal-qorti u tar-reġistrazzjoni u taxxa tal-boll imħallsa qabel ma tħassar il-Kodiċi tat-Taxxa tal-Boll (*Code des droits de timbre / Wetboek der zegelrechten*);
2. l-ispiża tad-dokumenti ġudizzjarji u l-emolumenti u s-salarji relatati;
3. l-ispiża tal-ġħoti ta' kopja ta' sentenza;
4. l-ispejjeż ta' kwalunkwe inkjesta, partikolarment it-tariffi tax-xhieda u tal-esperti;
5. l-ispejjeż tal-ivjaġġar u ta' sussistenza tal-imħallfin, ir-reġistraturi u l-partijiet li jkunu meħtieġa jivvjaġġaw b'digriet tal-qorti, u l-ispejjeż tad-dokumenti li jitfasslu unikament għall-proċedimenti;
6. l-indennizz proċedurali msemmi fl-Artikolu 1022;
7. it-tariffi, l-emolumenti u l-ispejjeż ta' medjatur maħtur skont l-Artikolu 1734;
8. il-kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Att tad-19 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi fond tal-baġit għall-għajnuna legali tat-tieni linja (*aide juridique de deuxième ligne / juridische tweedelijnsbijstand*).

L-indennizz proċedurali huwa l-kontribuzzjoni b'rata fissa għall-ispejjeż u t-tariffi tal-ġuristi li l-parti li tinqata' l-kawża favur tagħha tista' titlob kontra l-parti li tiffel il-kawża.

Min jista' japplika biex jingħata indennizz proċedurali?

L-indennizz proċedurali, previst taħt l-Artikolu 1022 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, huwa kontribuzzjoni b'rata fissa lejn l-ispejjeż u t-tariffi legal tal-parti li tinqata' l-kawża favur tagħha.

Jekk titlob hekk waħda mill-partijiet, possibbilment fuq il-bażi ta' intervent mill-qorti, din tal-aħħar tista', b'deċiżjoni motivata apposta, jew tnaqqas l-indennizz jew iżżidu, mingħajr ma dan l-ammont ikun akbar mill-massimu jew inqas mill-minimu preskritt mir-Re. Fil-valutazzjoni tagħha, il-qorti se tqis:

- il-kapaċità finanzjarja tal-parti li tiffel il-kawża, sabiex jitnaqqas l-ammont tal-indennizz;
- il-kumplessità tal-każ;
- il-kumpens miftiehem b'kuntratt għall-parti li tinqata' l-kawża favur tagħha;
- in-natura manifestament irraġonevoli tas-sitwazzjoni.

2 X'inhija eżattament l-għajnuna legali?

L-għajnuna legali tiġbor flimkien għadd ta' kunċetti:

- Hija tippermetti lil kulħadd jibbenefika minn konsultazzjoni legali inizjali mingħajr ħlas bħala parti mill-

għajnuna legali tal-ewwel linja (*aide juridique de première ligne / eerstelijnsbijstand*). Din il-konsultazzjoni tiġi pprovduta minn ġurist kwalifikat.

- Hija tippermetti wkoll li ċerti kategoriji ta' persuni jirċievu assistenza mingħajr ħlas mingħand ġurist biex jitrattaw kwalunkwe tip ta' każ legali (għajnuna legali tat-tieni linja). Dawn il-ġuristi huma volontarji. Huma jipprovdu lill-klijenti tagħhom l-istess servizzi legali bħal meta jitolbu ħlas (pariri, assistenza u rappreżentanza fi proċedimenti ordinarji, amministrattivi jew ta' medjazzjoni).
- L-għajnuna legali teżenta lil dawk il-partijiet, li l-introjtu tagħhom ikun baxx wisq biex iħallsu l-ispejjeż tal-proċedimenti tal-qorti jew barra mill-qorti, milli jħallsu t-tariffi kollha tar-reġistrazzjoni, tar-reġistru u tal-kopji ċċertifikati tagħhom jew parti minnhom. Hija tiżgura wkoll li l-uffiċjali pubbliċi u ministerjali (uffiċjali ġudizzjarji, nutara, eċċ.) u l-konsulenti tekniċi (meta jwettqu evalwazzjonijiet ġudizzjarji) jew il-medjaturi ma jitolbux ħlas ta' tariffi mingħand il-partijiet involuti għall-assistenza li jipprovdu.

3 X'inhuma r-rekwiżiti biex tingħata l-għajnuna legali?

Sabiex tinkiseb għajnuna legali tat-tieni linja, iridu jiġu sodisfatti żewġ kundizzjonijiet:

- Il-pretensjoni ma għandhiex tkun manifestament inammissibbli jew manifestament infondata.
- Is-sitwazzjoni finanzjarja trid tikkorrispondi għall-[kundizzjonijiet ta' aċċess](#) stipulati fl-Artikoli 508/13/1 sa 508/13/4 (kif imdaħħla bil-Liġi tal-31 ta' Lulju 2020 li temenda l-Kodiċi Ġudizzjarju sabiex jittejjeb l-aċċess għall-għajnuna legali tat-tieni linja u għall-għajnuna legali billi jiżiedu l-limiti massimi tal-introjtu rilevanti).

Għajnuna legali kompletament mingħajr ħlas:

Persuna waħidha: introjtu nett kull xahar ta' inqas minn EUR 1,426.

Persuna waħidha b'persuni dipendenti jew li tikkoabita ma' konjuġi jew ma' kwalunkwe persuna oħra li magħha tiffirma unità domestika: introjtu tal-unità domestika nett kull xahar ta' inqas minn EUR 1,717.

Għajnuna legali parzjalment mingħajr ħlas:

Persuna waħidha: introjtu nett kull xahar ta' bejn EUR 1,426 u EUR 1,717.

Persuna waħidha b'persuni dipendenti jew li tikkoabita ma' konjuġi jew ma' kwalunkwe persuna oħra li magħha tiffirma unità domestika: introjtu tal-unità domestika nett kull xahar ta' bejn EUR 1,717 u EUR 2,007.

Il-benefiċjarju jkun mistenni li jħallas mhux aktar minn EUR 125.

L-ammonti huma effettivi mill-1 ta' Settembru 2022.

L-għajnuna legali tingħata wkoll lil persuni li jistgħu jagħtu prova li ma għandhomx mezzi ta' sussistenza suffiċjenti. Id-deċiżjoni tal-uffiċċju tal-għajnuna legali (*Bureau d'Aide Juridique / Bureau voor Juridische Bijstand*) li tingħata l-għajnuna legali tat-tieni linja kompletament jew parzjalment mingħajr ħlas tikkostitwixxi prova ta' mezzi ta' sussistenza insuffiċjenti.

4 L-għajnuna legali tingħata għal kull tip ta' proċediment?

Iva.

5 Jeżistu proċeduri speċjali f'każijiet ta' bżonn?

Iva.

F'każijiet urġenti, l-uffiċċju tal-għajnuna legali jista' proviżorjament jeżenta lir-rikorrent għalkollox jew parzjalment milli jħallas it-tariffi mingħajr ma jkollu għalfejn jipproduċi d-dokumenti ta' sostenn kollha jew parti minnhom. Ir-rikorrent irid jippreżenta d-dokumenti ta' sostenn f'limitu ta' żmien stabbilit mill-uffiċċju tal-għajnuna legali ta' mhux aktar minn 15-il jum mid-data tad-deċiżjoni. Jekk id-dokumenti ma jiġux prodotti, l-għajnuna legali tintemm awtomatikament.

L-uffiċċju tal-għajnuna legali jivvaluta l-urġenza.

Applikazzjoni għall-għajnuna legali tat-tieni linja kompletament jew parzjalment mingħajr ħlas tiġi ppreżentata

bil-fomm jew bil-miktub mir-rikorrent jew mill-ġurist tiegħu lill-uffiċċju tal-għajnuna legali b'ġurisdizzjoni territorjali.

L-applikazzjoni tista' tiġi ppreżentata wkoll permezz tal-awtoritajiet kompetenti (is-servizz ta' kooperazzjoni ċivili internazzjonali tas-Servizz Pubbliku Federali għall-Ġustizzja), fit-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE tas-27 ta' Jannar 2003 biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet b'hal dawn.

6 Minn fejn nista' nikseb formola ta' applikazzjoni għal għajnuna legali?

Tista' tikkuntattja lill-uffiċċju tal-għajnuna legali fil-kostitwenza tiegħek.

- Uffiċċji li jikkellmu bil-Franċiż: <https://avocats.be/fr/bureaux-daide-juridique-baj>.
- Uffiċċji li jikkellmu bl-Olandiż: <https://www.advocaat.be/nl/gratis-rechtsbijstand/tweedelijnsbijstand>

Ladarba jkun ġie kkuntattjat, l-uffiċċju tal-għajnuna legali kompetenti jibgħat il-formola tal-applikazzjoni għall-għajnuna legali biex timtela.

7 X'dokumenti jridu jiġu ppreżentati mal-formola tal-applikazzjoni għal għajnuna legali?

Id-dokumenti ta' sostenn ivarjaw skont il-kategorija rilevanti ta' persuna. Jekk inti tgħix ma' adult wieħed jew aktar, iridu jiġu pprovduti wkoll dokumenti li jagħtu prova tal-introjtu ta' dawk il-persuni.

Jistgħu jiġu mitluba dokumenti addizzjonali sabiex jiġi vverifikat li l-kundizzjonijiet ta' eliġibiltà għall-għajnuna legali mingħajr ħlas ġew issodisfati.

Attenzjoni: xi dokumenti huma validi għal perjodu limitat. Ma jistgħux ikunu eqdem minn xahrejn mid-data li fiha tiġi ppreżentata t-talba għall-allokazzjoni tal-għajnuna legali.

1) Inti taħdem u impjegat

- ċertifikat tal-kompożizzjoni tal-unità domestika, validu għal xahrejn;
- valutazzjoni tat-taxxa l-aktar riċenti;
- iż-żewġ formoli tas-salarju/paga l-aktar riċenti (xhur tax-xogħol s'ħaħ);
- formoli tas-salarju/paga għas-sena attwali u bil-bonusijiet u l-allowances tal-vaganzi;
- ċertifikat mill-uffiċċju nazzjonali tal-allowances tal-vaganzi (ħaddiem manwali);
- ċertifikat tal-introjtu għall-aħħar xahrejn (ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija).

2) Inti taħdem u taħdem għal rasek

- ċertifikat tal-kompożizzjoni tal-unità domestika, validu għal xahrejn;
- il-valutazzjoni tat-taxxa l-aktar riċenti;
- iċ-ċertifikat tal-uffiċjal tal-kontabilità li juri l-introjtu medju nett tiegħek għall-aħħar 3 xhur;
- id-dikjarazzjoni tal-VAT l-aktar riċenti.

3) Inti għandek inkapaċità għax-xogħol

- ċertifikat tal-kompożizzjoni tal-unità domestika, validu għal xahrejn;
- il-valutazzjoni tat-taxxa l-aktar riċenti;
- ċertifikat mill-fond tal-assigurazzjoni tas-saħħa (*mutuelle / ziekenfonds*) li jindika l-allowances li jkunu tħallsu matul l-aħħar xahrejn;
- ċertifikat annwali (inkapaċità għal sena waħda jew aktar);

4) Inti pensjonat

- ċertifikat tal-kompożizzjoni tal-unità domestika, validu għal xahrejn;
- il-valutazzjoni tat-taxxa l-aktar riċenti;
- ċertifikat mill-uffiċċju nazzjonali tal-pensjonijiet (*Office national des pensions / Rijksdienst voor pensioenen*), validu għal xahrejn.

5) Inti qiegħed

- ċertifikat tal-kompożizzjoni tal-unità domestika, validu għal xahrejn;
- il-valutazzjoni tat-taxxa l-aktar riċenti;
- ċertifikat tal-benefiċċji tal-qgħad li rċevejt matul ix-xahrejn preċedenti.

6) Inti tirċievi appoġġ għall-introjtu CPAS/OCMW (Centre public d'action sociale / Openbaar Centrum voor Maatschappelijk Welzijn)

- ċertifikat tal-appoġġ għall-introjtu, validu għal xahrejn, li jiddikjara t-tip u l-ammont tal-appoġġ.

7) Inti tirċievi garanzija tal-introjtu ta' anzjan (Garantie de revenus aux personnes âgées – GRAPA / Inkomensgarantie voor ouderen – IGO)

- ċertifikat mill-uffiċċju nazzjonali tal-pensjonijiet li jispeċifika l-ammont tal-garanzija tal-introjtu ta' anzjan.

8) Inti intitolat għal allowance għall-persuni b'diżabbiltà

- ċertifikat mis-Servizz Pubbliku Federali għas-Sigurtà Soċjali (SPF Sécurité Sociale / FOD Sociale Zekerheid) li jsemmi l-allowances għall-aħħar xahrejn.

9) Inti tgħix f'akkomodazzjoni soċjali mikrija

- karta tal-kalkolu tal-kera soċjali.

10) Inti għaddej minn proċedura tas-saldu tad-dejn kolettiv

- ċertifikat tal-kompożizzjoni tal-unità domestika, validu għal xahrejn;
- il-valutazzjoni tat-taxxa l-aktar riċenti;
- ċertifikat, validu għal xahrejn, mingħand il-medjatur tad-dejn li jsemmi l-ammont li jħallsuk, l-ammont disponibbli tal-allowances tal-familja jekk dawn ikunu inklużi, u l-ammont tal-ispejjeż fissi mħallsa.

11) Inti għandek inqas minn 18-il sena

- kopja tal-karta tal-identità tiegħek jew dokument uffiċjali ieħor li jagħti prova li inti minorenni.

12) Inti qed tapplika għal permess ta' residenza

- kwalunkwe dokument li jattesta r-residenza irregolari (annessi, obbligu li titlaq mit-territorju, deċiżjoni li tirrifjuta r-residenza, passaport, eċċ.).

13) Inti miżmum taħt arrest

- ċertifikat tad-detenzjoni.

8 Fejn irrid nibgħat l-applikazzjoni tiegħi għal għajjnuna legali?

Jekk taf b'xi ġurist prattikant li joffri għajjnuna legali tat-tieni linja mingħajr ħlas, tista' tikkuntattjah direttament. Jekk jaċċetta li jieħu l-każ tiegħek, huwa jitlob lill-uffiċċju tal-għajjnuna legali biex jaħtru.

Jekk ma tafx b'ġuristi li joffru għajjnuna legali mingħajr ħlas, tista' tagħmel appuntament fl-uffiċċju tal-għajjnuna legali lokali kompetenti biex tistaqsi għal pariri mingħand ġurist.

9 Kif nista' nsir naf jekk jiniex intitolat għal għajjnuna legali?

Inti tiġi infurmat bid-deċiżjoni tal-uffiċċju tal-għajjnuna legali fi żmien 15-il jum minn meta ssir it-talba. Kwalunkwe deċiżjoni ta' ċaħda trid tkun iġġustifikata. In-notifika jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ppreżentat l-appell intenzjonat.

10 X'għandi nagħmel jekk inkun intitolat għal għajjnuna legali?

Għandek tikkuntattja lill-ġurist tiegħek jew lill-ġurist maħtur mill-uffiċċju tal-għajjnuna legali.

11 Min jagħżilli l-avukat, jekk inkun intitolat għal għajjnuna legali?

L-uffiċċju tal-għajjnuna legali jaħtar ġurist li jkun fuq il-lista tal-voluntiera tal-għajjnuna legali.

12 L-għajjnuna legali tkopri l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti?

L-għajjnuna legali tkopri t-tariffi tal-uffiċjali ġudizzjarji jew tal-esperti, l-ispejjeż tal-posta u tar-reġistrazzjoni. Bħal fil-każ tal-għajjnuna legali tat-tieni linja, din mhix awtomatika u trid tintalab mill-uffiċċju tal-għajjnuna legali tal-qorti fejn ikun tressaq il-każ (l-Artikolu 664 et seq. tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

13 Min għandu jħallas l-ispejjeż l-oħra jekk jien inkun intitolat biss għal għajjnuna legali limitata?

Jekk tiġi pprovduta għajjnuna legali parzjalment mingħajr ħlas, dan ma jfissirx li ċerti servizzi/spejjeż biss huma koperti. Sempliċement ifisser li l-benefiċjarju ta' għajjnuna legali parzjalment mingħajr ħlas se jkun mistenni li jħallas mhux aktar minn EUR 125, għall-kuntrarju tal-benefiċjarju ta' għajjnuna legali kompletament mingħajr ħlas li ma għandu jħallas xejn. Il-benefiċjarji tal-għajjnuna legali kompletament jew parzjalment mingħajr ħlas jirċievu l-istess servizzi.

14 L-għajjnuna legali tkopri l-appelli wkoll?

Iva.

15 L-għajjnuna legali tista' tiġi rtirata qabel il-konklużjoni tal-proċedimenti (jew saħansitra tiġi revokata wara t-terminazzjoni tal-proċedimenti)?

Iva.

Jekk jinbidlu l-kundizzjonijiet li taħthom il-benefiċjarju jkun eliġibbli għal għajjnuna legali tat-tieni linja kompletament jew inkella parzjalment mingħajr ħlas, il-benefiċjarju jrid jinforma immedjatament lill-ġurist tiegħu, li jinnotifika lill-uffiċċju tal-għajjnuna legali kif xieraq.

L-uffiċċju tal-għajjnuna legali jista' wkoll itemm l-għajjnuna legali fuq applikazzjoni motivata ta' ġurist jekk il-ġurist iqis li l-involviment tagħhom ma jkun joffri l-ebda valur miżjud.

Xenarju ieħor għal irtirar: fejn il-benefiċjarju manifestament jonqos milli jikkoopera fid-difiża tal-interessi tiegħu (bħal jonqos milli jwieġeb għat-talbiet tal-ġurist tiegħu).

16 Nista' nikkontesta r-rifjut li ningħata għajjnuna legali?

Jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda, huwa possibbli li jsir rikors quddiem il-qorti industrijali permezz ta' applikazzjoni bil-miktub jew bil-fomm (lir-reġistru tal-qorti). Ir-rikors irid jitressaq fi żmien xahar minn meta tkun ġejt innotifikat bid-deċiżjoni tal-uffiċċju tal-għajjnuna legali.

17 It-talba għal għajjnuna legali għandha l-effett li tissospendi l-perjodu ta' preskrizzjoni?

Jekk tiġi pprovduta għajjnuna legali parzjalment mingħajr ħlas, dan ma jfissirx li ċerti servizzi/spejjeż biss huma koperti. Sempliċement ifisser li l-benefiċjarju ta' għajjnuna legali parzjalment mingħajr ħlas se jkun mistenni li jħallas mhux aktar minn EUR 125, għall-kuntrarju tal-benefiċjarju ta' għajjnuna legali kompletament mingħajr ħlas li ma għandu jħallas xejn. Il-benefiċjarji tal-għajjnuna legali kompletament jew parzjalment mingħajr ħlas jirċievu l-istess servizzi.

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.